# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAD-19 TA' JANNAR, 2023**

**Kawża Numru: 6**

**Rik. Ġur. 696/2022 RGM**

**Attard Bros Construction Materials Limited**

**(C-29511)**

**vs.**

**SC Building Group Lilmited**

**(C-29511)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi Attard Bros Construction Materials Limited** ippreżentat fit-2 ta' Awissu 2022 kontra s-soċjeta' konvenuta **S C Building Group Limited** li permezz tiegħu talbet lill-Qorti: (1) tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' €64,538.51 rappreżenanti bilanċ ta' prezz ta' diversi materjali tal-bini, inkluż *concrete, concrete spacers, bricks, lintels*, xaħx, *cement, jumbo bags*, ramel, żrar, *steel mesh, damp proofing* u *palets*, mibjugħa u kkonsenjati lis-soċjeta' konvenuta mis-soċjeta' attriċi, kif ukoll rappreżentanti kumpens dovut mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' attriċi għal servizzi ta' *concrete pump* u ta' trasport reżi mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta.

Rat id-digriet tagħha li permezz tiegħu appuntat il-kawża għas-smiegħ għat-28 ta' Settembru 2022 u wissiet lis-soċjeta' konvenuta illi jekk ma tidhirx għas-smiegħ il-Qorti kienet ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi r-rikors ġuramentat minnufih billi tilqa' t-talbiet attriċi.

Rat illi meta ssejħet il-kawża fit-28 ta' Settembru 2022 is-soċjeta' konvenuta kienet għadha mhiex notifikata.

Rat illi s-soċjeta' konvenuta ġiet finalment notifikata bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, liema proċedura ġiet fi tmimha fis-16 ta' Novembru 2022.

Rat illi l-ebda rappreżenant tas-soċjeta' konvenuta ma deher la għas-seduta tas-17 ta' Novembru 2022 u lanqas għas-seduta tal-1 ta' Diċembru 2022 u b'hekk is-soċjeta' konvenuta waqgħet fi stat ta' kontumaċja.

Semgħat ix-xhieda ta' rappreżentant tas-soċjeta' attriċi jikkonferma bil-ġurament tiegħu illi fil-mori tal-kawża l-ebda ħlas ma ġie effettwat mis-soċjeta' konvenuta.

Rat l-atti kollha inkluż affidavit ta' Dennis Gravina, diversi prospetti u *delivery notes, declaration of acknowledgment of debt* datat 3 ta' Marzu 2021 għall-ammont ta' €108,538.51[1], ftehim datat 26 ta' Frar 2021 iffirmat bejn il-partijiet dwar kif kellha titħallas is-somma imsemmija ta' €108,538.51[2], ftehim datat 2 ta' Marzu 2021 b'aġġustament dwar ir-*repayment programme* miftiehem fil-ftehim datat 26 ta' Frar 2021[3], tlett cheques ta' €10,000, €7,000 u €7,000 rispettivament datati 28 ta' Frar 2022, 30 ta' Mejju 2022 u 30 ta' Ġunju 2022[4] rispettivament maħruġa mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' attriċi li ma ġewx onorati mill-bank, kif ukoll korrispondenza relativa għall-mertu tal-kawża.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet attriċi jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati;

**Decide**.

Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi, fil-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta,

1. **Tilqa' l-ewwel talba attriċi**, taqta' din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. **Tilqa' t-tieni talba attriċi**, tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' erbgħa u sittin elf, ħames mija u tmienja u

[1] Fol. 135 tal-proċess
[2] Fol. 136 tal-proċess
[3] Fol. 137 tal-proċess
[4] Fol. 147 tal-proċess

tletin euro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€64,538.51) rappreżenanti bilanċ ta' prezz ta' diversi materjali tal-bini kif fuq spjegati mibjugħa u kkonsenjati lis-soċjeta' konvenuta mis-soċjeta' attriċi, kif ukoll rappreżentanti kumpens dovut mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' attriċi għal servizzi kif fuq spjegat reżi mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta.

3. **Tilqa' t-tielet talba attriċi**, tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma imsemmija ta' €64,538.51.

4. **Bl-imgħax legali** mill-20 ta' Frar 2020 sad-data tal-effettiv pagament.

**Bl-ispejjeż** kontra s-soċjeta' konvenuta.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
19 ta' Jannar, 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**